

Taf xi jfissru dawn il-pittogrammi?



PITTOGRAMMI TA' PERIKLU KIMIKU



Il-pittogrammi għal twaħħil ta' tikketti fuq prodotti kimiċi nbidlu. Evita li tweġġa' u li timrad fuq il-post fejn taħdem billi ssir taf aktar dwar il-pittogrammi.

Prodotti kimiċi jintużaw kuljum waqt ix-xogħol – mhux biss f'fabbriki, iżda wkoll f'xogħol ta' kostruzzjoni jew f'uffiċċji – f'oġġetti bħal prodotti ta' tindif, żebgħa, eċċ. Ir-Regolament tal-Unjoni Ewropea tal-2009 dwar il-Klassifikazzjoni, it-Tikkettar u l-Imballaġġ (CLP) introduċa pittogrammi ġodda ta' twissija. Il-pittogrammi fl-għamla ta' djamant jindikaw in-natura tal-periklu b'rabta mal-użu ta' sustanza jew taħlita ta' periklu. Fuq it-tikketti, il-pittogrammi jkollhom magħhom kliem dwar sinjali, dikjarazzjonijiet ta' periklu u dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni, kif ukoll taġħrif dwar il-prodott u min iġibu.

Tgħallem ma' Napo kif iżżomm il-post fejn taħdem 'il bogħod mill-periklu!

Ara "Napo fil-... Periklu: sustanzi kimiċi!" fuq www.napofilm.net/mt/napos-films/chemicals



Sustanzi kimiċi b'din il-pittogramma jfissru:

- ◇ Gass bi pressjoni qawwija jista' jesplodi meta jissaħħan
- ◇ Gass refrigirant jista' jikkawża ħruq jew feriti krijoġeniċi
- ◇ Gassijiet maħlulin



Gassijiet ukoll li ġeneralment ma jkunux ta' periklu jistgħu jkunu perikulużi meta jkunu taħt pressjoni qawwija.

Din il-pittogramma tirreferi għal **splużiv, sustanzi reattivi minnhom infushom u perossidi organiċi li jistgħu jikkawżaw splużjoni meta jissaħħnu.**



Oqgħod attent għat-tifsira ta' dawn iż-żewġ pittogrammi simili. Din twissi kontra **gassijiet li jieħdu n-nar, aerosols, likwidi u solidi:**

- ◊ **Sustanzi u taħlitiet li jissaħħnu minnhom infushom**
- ◊ Likwidi u solidi piroforiċi li **jistgħu jieħdu n-nar malli jmissu mal-arja**
- ◊ Sustanzi u taħlitiet li, **malli jmissu mal-ilma, joħorġu gassijiet li jieħdu n-nar**
- ◊ Sustanzi reattivi minnhom infushom jew perossidi organiċi li **jistgħu jieħdu n-nar meta jissaħħnu**



Jekk tara din il-pittogramma fuq it-tikketta jfisser li għandek **gassijiet, solidi u likwidi li jossidaw**, li jistgħu **jikkawżaw jew ikabbru nar jew splużjoni**.



Sustanza jew taħlita b'din il-pittogramma jkollha wieħed jew aktar minn dawn l-effetti:

- ◊ **Tkun karċinoġenika**
- ◊ **Jaffettwa t-tqala u t-tarbija fil-ġuf**
- ◊ **Tikkawża mutazzjonijiet**
- ◊ Tkun sensibilizzatur respiratorju u tista' tikkawża **allerġija, ażżma jew diffikultajiet fin-nifs meta tittieħed man-nifs**
- ◊ **Hija tossika għal organi speċifiċi**
- ◊ Toħloq perikli għan-nifs u **tista' tkun fatali jew ta' ħsara jekk tinbela' jew jekk tidħol f'passaġġi tan-nifs**



Kun af li jkollok sustanza kimika li hija **tossika immens** meta tintmess mal-ġilda, jekk tittieħed man-nifs jew tidħol fl-istonku, u li tista' wkoll tkun **fatali**.



Kull meta tuża sustanza kimika b'din il-pittogramma magħha, kun af li tkun korrużiva u tista' tikkawża **ħruq serju fil-ġilda u ħsara lill-għajnejn. Korrużiva wkoll għal metalli**.



Din il-pittogramma tfisser waħda jew aktar minn dan li ġej:

- ◊ **Tossiċità immensa (ta' ħsara)**
- ◊ **Kawża ta' sensibilizzazzjoni tal-ġilda u irritazzjoni tal-ġilda u tal-għajnejn**
- ◊ **Irritazzjoni fin-nifs**
- ◊ **Sustanza narkotika, tikkawża ħedla jew sturdament**
- ◊ **Ta' ħsara għas-saff tal-ożonu**



Din il-pittogramma twissi li sustanza tkun **ta' periklu għall-ambjent** u tikkawża **tossiċità akkwatika**.



Napo huwa l-eroj f'sensiela ta' films animati li għandhom l-għan li jintroduċu sigurtà u saħħa fil-post tax-xogħol b'mod ferrieħi u li ma jintesiex. Il-films ta' Napo jenfasizzaw il-perikli li jista' jkun hemm fil-post tax-xogħol, kif jistgħu jkunu identifikati u x'jista' jsir biex titjeb is-sigurtà u s-saħħa waqt ix-xogħol. www.napofilm.net

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-xogħol (EU-OSHA) qed tgħin lill-Kummissjoni Ewropea fl-isforzi tagħha biex ikunu magħrufa l-bidliet fis-sinjali kimiċi għal dawk li jkollhom kuntatt ma' sustanzi kimiċi fuq il-post tax-xogħol u għal dawk li jimpjegawhom.

Għal aktar tagħrif ara <http://osha.europa.eu/mt/topics/ds/clp-2013-classification-labelling-and-packaging-of-substances-and-mixtures>

<http://osha.europa.eu/en/general-faq/faq-on-dangerous-substances>

Tista' tara wkoll is-sezzjoni ta' CLP tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) fi <http://echa.europa.eu/mt/regulations/clp>

Nitolbuk ġentilment tinnota li din hija traduzzjoni ta' dokument oriġinali bl-Ingliż

Bl-għajjnuna ta' Napo Consortium

